MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 303/2011

**Vertex Vending Services Ltd (C 19250)**

**Vs**

**Beraq Limited (C 10018) u Market Handle Ltd (C 49546)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici nhar is-7 ta' Settembru 2011 fejn l-istess socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti tordna lis-socjetajiet konvenuti jirritornaw iz-zewg *vending machines* proprjeta' tas-socjeta' attrici liema socjeta' kienet kriet tali vending machines lis-socjeta' konvenuta Market Handle Limited. Illi r-rapprezentanti tas-socjeta' Market Handle Limited kienu nfurmaw lis-socjeta' attrici li dawn iz-zewg *vending machines* jinsabu fil-pussess effettiv tas-socjeta' Beraq Limited liema socjeta' kienet tikri l-ufficini ghall-kumpanija Market Handle Limited gewwa tal-Qroqq, Msida.

Illi s-socjeta' attrici interpellat lis-socjeta' Beraq Limited permezz ta' ittra nterpellatorja tat-12 ta' Mejju 2011 ghal liema ittra nterpellatorja s-socjeta' Beraq Limited ma baghtu l-ebda risposta.

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna flimkien u in solidum is-socjetajiet konvenuti jirritornaw tali zewg *vending machines* godda proprjeta ta' Vertex Vending Services Limited u dan fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi l-Qorti u fin-nuqqas li s-socjetatjiet konvenuti jonqsu milli jirristitwixxu tali zewg *vending machines* tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti u/jew min minnhom sabiex ihallsu d-danni sofferti mis-socjeta' attrici ghax-xiri u akkwist ta' dawn iz-zewg vending machines.

Illi ghal kull buon fini dawn iz-zewg vending machines swew lil kumpanija Vertex Vending Services Limited l-ammont ta' erbat elf Ewro (€4,000).

Illi fin-nuqqas li dawn iz-zewg vending machines ma jigux ritornati entro t-termini prefiss mill-Qorti, is-socjeta' attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti

tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti flimkien in solidum ihallsu l-hlas ta' danni li jammontaw ghal erbat elf Ewro (€4,000) u/jew dak il-prezz verjuri tal-valur ta' dawn iz-zewg *vending machines*.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Beraq Limited ipprezentata fl-4 ta' Ottubru 2011 fejn eccepiet:

*"Illi t-talbiet attrici in quanto diretti kontriha huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, peress li s-socjeta' eccipjenti, bhala s-sid tal-fond mikri minnha lis-socjeta' konvenuta l-ohra, tgawdi privilegg fuq dak kollu li jinsab fl-istess fond biex jaghmel tajjeb ghal dak lilha dovut mis-socjeta' konvenuta l-ohra, bhala l-ex inkwilina taghha.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Market Handle Limited li giet ipprezentata fis-26 ta' Marzu 2012 fejn eccepiet:

1. *"It-talbiet tal-kumpanija attrici in kwantu diretti kontra l-kumpanija esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-kumpanija attrici billi, kif taf l-istess kumpanija attrici, l-"vending machines"*

*mertu tal-kawza odjerna ma humiex fil-pussess tal-kumpanija esponenti u lanqas kienu fil-pussess tal-kumpanija esponenti fil-mument illi gietipprezentata l-kawza odjerna u ghalhekk il-kumpanija esponenti ma tistax tigi ikkundannata tirritornahom;*

2. *Ghalhekk il-kumpanija esponenti giet imharrka inutilment u ma ghandhiex tigi kkundannata thallas ebda spejjez;*

3. *In kwantu ghall-kwistjoni tal-privilegg legali imqajma mill-kumpanija konvenuta l-ohra Beraq Limited fir-risposta taghha, il-kumpanija esponenti tirrimetti ruhha ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

4. *Finalment, it-talba ghall-hlas tad-danni hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-kumpanija attrici billi l-kumpanija esponenti ma hija hatja ta' ebda Danni. Jekk jirrizulta illi l-kumpanija attrici sofriet xi danni, dawn id-danni gew ikkagunati, f'dan il-kaz partikolari, unikament u esklussivament mill-kumpanija Alfa Company Limited li bl-agir taghha wasslet ghall-espulsjoni u evizzjoni forzusa tal-kumpanija esponenti mill-post li kien mikri lilha u wasslet ghall-ftuh ta' din il-kawza. Il-kumpanija esponenti minn issa stess tirrizerva illi titlob li tigi msejha fil-kawza l-kumpanija Alfa Company Limited sabiex, jekk ikun il-kaz, taghmel tajjeb ghad-danni;*

5. *Salv risposta ulterjuri;*

*Bl-ispejjez, inkluzi tal-prezenti, kontra l-kumpanija attrici."*

Rat in-nota tas-socjeta' attrici Vertex Vending Services Limited li giet prezentata fl-10 ta' Mejju 2012 li permezz taghha s-socjeta' attrici ntavolat affidavit tad-direttur u azzjonista Mark Azzopardi.

**Mark Azzopardi** fl-affidavit tieghu jghid illi huwa d-direttur u azzjonista tal-kumpanija Vertex Vending Services Limited, liema kumpanija tiggestixxi u qieghda fin-negozju ta' *vending machines*, magni tal-kafe' u servizzi ancillari. Huwa spjega li l-kumpanija Market Handle Limited kienet avvicinathom sabiex jissuplixxuha b'zewg magni tal-kafe' skond il-ftehim tal-15 ta' Mejju 2010. Huwa stqarr illi dawn iz-zewg magni kienu godda fjamanti u swew lill-kumpanija tieghu s-somma ta' erbat elef Ewro (€4,000) u liema magni huwa qatt ma trasferixxa l-proprjeta' taghhom lill-Market Handle Limited u dan kif irrizulta wkoll mill-klawsola ta' qabel tal-ahhar tal-ftehim anness mal-affidavit bhala Dokument A. Dan kien l-uniku ftehim bejn is-socjeta' attrici u u s-socjeta' Market Handle Limited.

Mark Azzopardi tenna illi z-zewg *vending machines* kienu twasslu mill-impjegati tieghu fl-14 ta' Mejju 2010 u fl-14 ta' Settembru 2010 ghal servizz ta' *coffee machines* u *hot drinks* ghall-impjegati taghhom. Dan jirrizulta miz-zewg *delivery notes* annessi bhala Dokument B u C.

Huwa ddikjara illi s-socjeta' attrici qatt ma' tat kunsens lil hadd sabiex inehhi dawn il-magni mill-post u dawn ghadhom proprjeta' tal-kumpanija tieghu. Din is-socjeta' attrici qieghda ssofri minn telf ta' profitt u deprezzament tal-valur tal-magni.

Huwa sostna illi Market Handle Limited qatt ma nfurmawhom li kien hemm xi diffikulta' u/jew xi problemi u saru jafu bil-problemi ta' Market Handle Limited

meta haddiem minn tieghu mar l-ufficju ta' Market Handle Limited go G. F. de Soldanis Road, Birkirkara u sabu l-bieb tal-ufficcju ta' Market Handle Limited maghluq. Dan kien f'April 2011. Il-haddiem kien mar lura l-ufficju fejn informah b'dan. Wara li marru xi darbtejn ohra, saru jafu li Market Handle Limited kienet zarmat l-operat taghha. Ghalhekk huwa beda jigri wara d-diretturi tal-kumpanija Market Handle Limited sabiex jithallas tax-xoghol u biex jigbor lura il-magni. Huwa sahaq li ma gabar xejn minn dak dovut ghas-servizzi u materja prima tal-*coffee sachets* u *hot drinks* u lanqas ma gabar il-magni tieghu.

Huwa sostna li qed jaghmel din il-kawza ghaliex il-kumpanija tieghu hallset mal-erbat elef Ewro (€4,000) sabiex xtrat dawn il-magni liema magni qatt ma rritornawhom lura s-socjetajiet Market Handle Limited u Beraq Limited. Huwa esebixxa mal-affidavit kopja tal-fattura ta' meta kien xtara l-magni minn barra li hija mmarkata bhala Dokument D.

Mark Azzopardi ddikjara illi la hu u lanqas is-socjeta' attrici qatt ma kienu jafu lid-diretturi ta' Beraq Limited. Huwa stqarr illi s-socjeta' attrici qatt ma dahlet f'xi kuntratt jew negozju ma' Beraq Limited u kien ghalhekk li hu ntavola din il-kawza kontra Market Handle Limited u Beraq Limited.

Huwa kien baghat ittra legali tramite l-avukat tal-kumpanija tieghu datata 12 ta' Mejju 2011 sabiex Beraq Limited tirritorna lura l-*vending machines* entro sebat ijiem kif jirrizulta mid-dokument anness bhala Dokument E.

Huwa sar jaf bil-konnessjoni tal-kumpanija Beraq Limited mas-socjeta' Market Handle Limited fil-bidu ta' Mejju 2011. Huwa kien kellem impjegat tal-kumpanija

Market Handle Limited certu Donald Micallef li kien infurmah li Market Handle Limited kienet kriet il-proprjeta’ ta’ Beraq Limited. Ix-xhud qal ukoll illi Beraq Limited qatt ma rrispondiet l-ittra legali.

Huwa sostna li s-socjeta’ Market Handle Limited lanqas ma hadet hsieb il-proprjeta’ tieghu. Huwa kien ghamililhom cara fl-ittra legali li dawn il-magni kienu proprjeta’ tas-socjeta’ attrici. Ghalhekk huwa oggezzjona ghall-eccezzjoni tal-privilegg li tat il-kumpanija Beraq Limited, ghax stqarr illi privilegg seta’ jsir biss fuq proprjeta’ ta’ Market Handle Limited biss li f’dal kaz qas jista’ jsir stante l-proprjeta mhix ta’ Market Handle Ltd.

Mark Azzopardi stqarr illi huwa qatt ma kellu xi relazzjoni kummercjali ma’ Beraq Limited.

Huwa sar jaf minghand Donald Micallef illi l-magni baqghu fuq il-post li kien mikri lil Market Handle Limited, liema post Beraq Limited ma jridu jaghtu ebda permess lis-socjeta’ Vertex Vending Services Limited sabiex tiehu lura l-magni taghha.

Huwa qed jitlob illi f’kaz li l-magni ma jigux irritornati entro terminu qasir u perentorju li tordna l-Qorti, jezigi li d-danni tieghu jeccedu l-erbat elef Ewro (€4,000) kif jidher fl-invoice annessa, pero’ huwa qed jitlob is-somma ta’ erbat elef Ewro (€4,000) kif kien talab originarjament fl-avviz tal-kawza, inkluz imghaxijiet legali u l-ispejjez tal-kawza.

Huwa tenna illi s-socjeta' attrici dejjem agixxiet b'mod korrett mal-klijenti taghha u f'dan il-kaz talbet illi l-magni jigu ritornati lura fi zmien qasir u li s-socjetajiet konvenuti jhallsu u jbaghtu d-danni li soffriet is-socjeta' attrici.

**Joseph Falzon** xehed nhar l-10 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' konvenuta Beraq Limited, pero' ma jafx min hi s-socjeta' attrici. Mistoqsi jekk qattx kellu relazzjoni kummercjali maghha wiegeb li le ma jafhomx. Huwa qatt ma ghamel xi kuntratt mas-socjeta' attrici. Huwa kien kera' post, *showroom* lis-socjeta' Market Handle Limited gewwa GF Agius de Soldanis Road, B'Kara. Jaf li f'din ix-*showroom* kien hemm zewg magni tal-kafe pero' ma kienx hu li kkuntratta maghhom. Huwa sostna li bilfors li dawn il-magni spiccaw f'dan ix-*showroom* meta effettivament ix-*showroom* kienet f'idejn is-socjeta' konvenuta Market Handle Limited.

Mistoqsi jekk huwa jiftakarx li rcieva l-ittra datata 12 ta' Mejju 2011, wiegeb li jiftakar li kien ircieva l-ittra bl-avukat. Kien hu wkoll li rcieva ftehim li kien sar bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta Market Handle Limited. Ikkonferma li mal-ittra kien ircieva dan il-ftehim li hu mmarkat bhala Dokument A. Huwa pero ma jafx il-firmatarji ta' dan il-ftehim u ma kienx irrisponda l-ittra li kien ircieva.

**Celine Lee Bentley** xehed bil-lingwa Ingliza nhar il-11 ta' Lulju 2012 fejn iddikjarat bl-Ingliz li hija d-direttrici tal-kumpanija Market Handle Limited u ilha tokkupa din il-kariga sa mill-bidu nett tar-registrazzjoni taghha u cioe' minn Marzu tas-sena 2010. Hija giet murija *vending machine service agreement* li huwa esebit fl-atti a fol 35 u mmarkat bhala Dokument A u kkonfermat li dan il-ftehim kien iffirmat fil-15 ta' Mejju 2010. Dan kien iffirmat ghan-nom tal-kumpanija minn Ms Daniela

Callus li f'dak iz-zmien kienet tiehu hsieb l-operations tal-kumpanija. Pero' ma kinitx taf b'dan il-ftehim ghalkemm kienet tkun l-ufficju kuljum.

Ikkonfermat li Ms Callus kienet impjegata taghhom. Ix-xhud sostniet li Daniela Callus qatt ma kellha awtorizzazzjoni biex tiffirma ghan-nom tal-kumpanija. Ftakret li kienet cemplet lill-kumpanija biex inehhu l-*vending machines*. Dawn kienu qed jaqilghu l-problemi u ghalhekk talbet li jitnehhew. Hija ddikjarat li hija l-unika firmatarja tas-socjeta' Market Handle Limited.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta Market Handle Limited li giet ipprezentata fil-5 ta' Frar, 2013 li permezz taghha pprezenta s-segwenti dokumenti:

Dokument MHL 1 – id-dettalji tal-kumpanija Market Handle Limited imnizzla mis-sit tal-Awtorita' ta' Malta dwar Servizzi Finanzjarji (MFSA).

Dokument MHL 2 – kopja tad-depozit slip company in formation.

Dokument MHL 3 – kopja tac-certifikat ta' registrazzjoni tal-kumpanija Market Handle Limited.

Dokument MHL 4 – kopja tal-memorandum and articles tal-kumpanija Market Handle Limited ipprezentat u ricevut l-Awtorita' ta' Malta dwar Servizzi Finanzjarji (MFSA) nhar it-3 ta' Mejju, 2010 mil-liema jirrizulta li Daniela Callus mhijiex firmatarja tal-kumpanija Market Handle Limited.

Dokument MHL 5 – rizoluzzjoni straordinarja tal-kumpanija Market Handle Limited ta' nhar it-2 ta' Awwissu, 2010 u kopja tal-memorandum and articles of association tal-istess kif aggornat mil-liema jirrizulta wkoll illi Daniela Callus mhijiex firmatarja tal-kumpanija Market Handle Limited.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta Market Handle Limited li gietipprezentata fil-25 ta' Frar 2013 li permezz taghha gie esebit affidavit ta' Christian Abela.

Rat l-affidavit ta' **Christian Abela** bhala rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpaniji fil-Malta Financial Services Authority fejn iddikjara li skond dokumentazzjoni mizmuma mir-Registratur tal-Kumpaniji, huwa vverifika li l-azzjonista, id-direttrici, is-segretarja u r-rapprezentanta legali u gudizzjarja tal-kumpanija Market Handle Limited (C 49546) hija u minn dejjem kienet Celine Lee Bentley wahidha u qatt ma kienet Daniela Callus. Flimkien mal-affidavit hemm anness l-istatut tal-kumpanija.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta Market Handle Limited li giet ipprezentata fil-25 ta' Frar 2013 li biha giet ezebita kopja legali tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 1674/2010 fl-ismijiet "Alfa Company Limited v. Market Handle Limited" liema mandat ta' qbid gie ezegwit bl-elevazzjoni nhar l-20 ta' Jannar, 2011 kif jirrizulta mill-atti tal-istess mandat. L-ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat bl-elevazzjoni waslet ghal waqfien tal-operat tas-socjeta' konvenuta u ghall-espulsjoni taghha mill-fond mikri lilha u dan kif ser jirrizulta ampjament mill-provi li ser tipproduci s-socjeta' konvenuta matul it-trattazzjoni tal-kawza.

**Mark Azzopardi** xehed in kontro-ezami fil-25 ta' Frar 2013 fejn iddikjara li kienet dehret certu Daniela Callus ghan-nom ta' Market Handle Limited, kif jirrizulta mis-*service agreement* li esebixxa kopja tieghu u li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument Z. Din kienet tokkupa l-kariga ta' Head of Operations ta' Market Handle Limited. Ix-xhud esebixxa l-*business card* taghha li giet immarkata bhala Dokument Z1.

Ix-xhud stqarr illi huwa kien tkellem kemm ma' Daniela Callus kif ukoll ma' nies ohrajn ghan-nom tal-kumpanija Market Handle Limited fosthom ma' Donald Micallef li huwa c-Chief Executive Officer ta' Market Handle. Ix-xhud esebixxa l-*business card* ta' Donald Micallef li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument Z2. Mistoqsi jekk qattx ikkuntatja lil Celine Bentley, sa l-istadju li huwa ffirma l-kuntratt, wiegeb li le. Huma jiffirmaw dan il-ftehim kif esebit fl-atti ma' kull persuna fejn ifornu l-magni tal-kafe' taghhom. Ix-xhud tenna illi huma ma jaghmlux investigazzjoni qabel ma l-persuna tkun ser tiffirma. Huma ma jivverifikawx biex jaraw jekk per ezempju l-persuna hijiex id-direttur mal-MFSA.

Ix-xhud jaqbel li filfatt il-magna in kwistjoni kienet inxtrat fis-sena 2009. Huwa spjega li meta jixtru l-*vending machine*, huma ma jixtruhomx partikolarment ghall-klijent, izda jixtru *stock items* biex meta jaghmlu l-ftehim ikollhom *in stock*. Mistoqsi jekk jafx jekk il-magni in kwistjoni tnehhewx mill-post jew le wiegeb li ma jafx ghax m'ghandux access ghall-post.

Mistoqsi ghaliex fil-fatt kien kiteb biss lil Beraq Limited wiegeb li meta kienu marru fuq il-post sabuh maghluq u l-access ghall-post kien tramite s-socjeta' Beraq Limited. Filfatt kienet is-socjeta' Beraq Limited li zammithom lura milli jigbru l-propjeta' taghhom. Huwa sostna li Beraq Limited zammitu milli jidhol fil-post fejn

kienu nstallati l-magni tal-kafe taghhom. Mistoqsi jekk huwa tkellimx ma’ Daniela Callus jew Donald Micallef wara li kien gie mizmum milli jidhol fil-post, qal li kien tkellem ma’ Donald Micallef. Dan qal lix-xhud li ma kellux problemi biex imur u jigbor il-*vending machines* dejjem jekk is-socjeta’ Beraq Limited taghtih access. Donald Micallef qallu li ma kellux aktar access ghall-post pero’ x-xhud ma jafx ir-raguni ghaliex u ma qallu bl-ebda proceduri li kien hemm da parti ta’ terzi.

Huwa ddikjara li lil Celine Bently ma jafhiex izda jaf biss lir-rapprezentanti taghha. Ghalhekk kien beda jigri wara Donald Micallef u Daniela li kienu qed jirraprezentaw lis-socjeta’ Market Handle Limited, li ghax-xhud kien ic-Chief Executive Officer u jista’ jkun li effettivament huwa beda jigri warajhom f’April 2011. Huwa kkonferma li ghandu jiehu kemm il-magni li hemm fil-propjeta’ ta’ Beraq Limited, kif ukoll tax-xoghol li tahom konsistenti f’kafe u bevandi shan ohrajn. Din il-kawza qieghda biex jigbor il-magni lura.

Ix-xhud gie muri l-ittra li hija mmarkata bhala Dok E u esebita fl-atti a fol 39 u qal li din hija l-ittra li giet mibghuta mill-avukat tieghu lis-socjeta’ Beraq Limited. Meta huwa kien mar u sab l-access maghluq ghas-socjeta’ Market Handle huwa ghamel kuntatt ma’ min ghandu l-propjeta’ isfel li hija Beraq Limited u jaf li r-rapprezentant tal-Beraq Limited talbu hames mitt ewro sabiex jaghtih il-propjeta’ tieghu lura pero’ huwa rrifjuta li jaghmel dan. Huwa stqarr illi ma jafx ma’ min tkellem u lil Joseph Falzon lanqas jaf min hu. Huwa ma ghamilx verifiki biex jara jekk il-propjeta’ in kwistjoni kinitx tappartjeni lil Market Handle Limited. Il-privilegg issemma l-ewwel darba meta Beraq Limited qallu li huwa kellu privilegg fuqhom. Huma marru fuq il-post biex jippruvaw bil-kelma t-tajba jiehdu dak li huwa taghhom. Filfatt ix-xhud kien baghat lir-rapprezentanti tieghu biex jigbor il-*vending machines* pero’ s-socjeta’ Beraq Limited ma accettatx li tirritornahom.

Mistoqsi kemm kien ilu jaghti *supplies* lil Market Handle ta' dan ix-xorb, wiegeb li skond l-istatement li ghandu kien mit-23 ta' Gunju 2010 sal-4 ta' Jannar 2011. Ghalhekk f'dawn il-perjodi ta' zmien il-magni tieghu zgur li kienu fizikament f'dan il-post. F'dan il-perjodu saru *supplies* fl-ammont ta' elfejn, mija u sitta u disghin ewro (€2,196). Ix-xhud esebixxa statement li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z3. Huwa qatt ma rcieva xi cedola li biha gie nfurmat li kienu qed jirrifjutaw li jzommu l-*vending machine* u lanqas ma rcieva xi korrispondenza biex imur jigborhom.

**Donald Micallef** xehed fit-18 ta' Marzu 2013 fejn iddikjara li huwa kien jokkupa l-kariga ta' chief executive officer mas-socjeta' Market Handle Limited. Din is-socjeta' kienet responsabbli ghal *marketing* u *communications* u kienet tikri l-post fejn topera minghand is-Sur Falzon f'isem is-socjeta' Beraq Limited. Huwa spjega li l-post mikri minn Market Handle Limited kien mikri bhala *shell form* gew GF de Soldanis Road, Birkirkara.

Ix-xhud stqarr illi minn mindu gie ffirmat il-kuntratt tal-kirja s-socjeta' Market Handle ghamlet il-*furnishing* tal-propjeta' in kwistjoni u in segwitu l-kumpanija bdiet topera. F'Jannar tal-2007 Market Handle kellha mandat ta' qbid fil-konfront taghha mis-socjeta' Alfa Company Limited u din is-socjeta' elevat l-affarijiet kollha li kien hemm gewwa l-bini ta' Market Handle Limited hlief ghal xi affarijiet zghar bhall-magni tal-kafe mertu tal-kawza. Dawn il-magni tal-kafe ma kinux gew elevati ghax meta marru il-marixxalli u bdew jaraw ta' min jappartjenu l-oggetti li kien hemm fil-fond, ix-xhud qalilhom li dawn jappartjenu lil Vertex Vending Services Limited. L-affarijiet l-ohra li thallew fuq il-post huma *airconditions*, xi *fixtures* li ma setghux jinqalghu u xi oggetti ohra li ma kinux proprjeta' ta' Market Handle Limited. Huwa tenna li wara huma waslu ghal ftehim mal-Alfa Company Limited li kellhom jiehdu l-affarijiet kollha lura apparti dawk l-affarijiet li Market Handle

Limited kienet xtrat minghand Alfa Company Limited u dan sabiex tkun tista' terga tibda topera.

Ix-xhud stqarr illi l-ahhar darba li hallew dawn il-magni in kwistjoni kienu fil-bini ta' Beraq Limited. Huwa ilu ma jidhol fil-post in kwistjoni minn meta kien gie ezegwit il-mandat ta' qbid u cioe' xi sena u nofs ilu u kienu ghadhom hemm. Is-socjeta' Market Handle Limited kellha xi kontijiet pendenti ma' Beraq Limited ghad-dawl u ilma u ghalhekk is-socjeta' Beraq Limited ma taghthomx access ghall-fond. Sussegwentament kien hemm xi rapprezentant tas-socjeta' attrici li talbu biex jigbor il-magni, certu Mark li kien *sales representative* u x-xhud spjegalu s-sitwazzjoni kif kienet, u qallu li ahjar jitkellem direttament ma' Beraq Limited. Huwa sostna li s-socjeta' Market Handle Limited offriet li taghti l-magni lura mill-bidu nett, ghax kienet taf li dawn m'humiex proprjeta' taghha. Pero' minhabba l-kwistjoni li kien hemm ma' Beraq Limited, is-socjeta' Beraq Limited ma riditx tirritornahom.

Huwa ddikjara li s-socjeta' Market Handle m'ghandha ssofri l-ebda dannu ghax hija offriet biex taghti lura dawn il-magni. Jekk xejn l-Alfa waqfithom mill-operazzjoni taghhom, u ghalhekk ghandha tehel id-danni hi. Ix-xhud gie muri zewg dokumenti fl-atti mmarkati bhala Dokument B u Dokument C a fol 36 u 37 u qal li hija l-firma tieghu. Huma kienu qablu mas-socjeta' attrici li dawn il-magni tal-kafe kellhom jidhlu fil-proprjeta' taghhom u kkonferma li Vertex Vending Services Limited taghthom servizz tal-uzu ta' dawn il-magni. Ix-xhud stess u Mark kienu nnegozjaw dwar dawn il-*vending machines*. Id-direttur kien kellem lix-xhud biss meta ma setghax jiehu l-magni lura. Beraq Limited ma kinitx involuta fil-kiri ta' dawn il-magni. Huwa ddikjara li l-*vending machines* qatt ma gew mikrija lill-

Market Handle Limited izda gew moghtija lilhom biex jaghmlu uzu minnhom u jixtru l-kafe minn ghandhom.

Rat l-affidavit ta’ **Celine Lee Bentley** li gie pprezentat permezz ta’ nota fit-18 ta’ Gunju 2013 fejn iddikjarat bl-Ingliz illi hija l-unika direttur u *shareholder* tas-socjeta’ konvenuta Market Handle Ltd. Hija stqarret li hija gradwat minn *entrepreneur school* u kienet tahdem ma’ kumpanija Louis PR li hija bbazata f’Parigi li sservi bhala *hub* ghar-reklamar. Hija kienet tiehu hsieb il-*press releases* tal-klijenti u t-*trade fairs*, kien ikollha intervisti mal-gurnalisti u kienet tikteb artikli ghall-*press*. Hija tghid li probabilment dawn kienu l-ahjar gurnalisti fl-IT, teknologija gdida, *green business* u ekonomija. Hija tenniet li whud mill-klijenti prestigjuzi kienu Lexmark International, Cards and Identification, Sales Force, Kingston u hafna ohrajn.

Hija stqarret li fis-sajf tal-2009 hija kienet Malta fuq studju u ndunat kemm bis-sbuhija tal-pajjiz u bl-opportunitajiet li hawn fl-oqsma tal-PR u tar-reklamar. B’kumbinazzjoni meta kienet Malta ltaqghet ma’ zewg imprendituri li wiehed minnhom kien Philippe Maurice Mifsud li kien id-direttur ta’ Webconsulta Company Limited u s-sid ta’ *autotraderMalta.com*. Filfatt wara, Philippe Maurice kien konsulent ta’ Market Handle Limited.

Hija stqarret li bis-sahha ta’ Philippe ltaqghet ma’ Donald Micallef. Donald Micallef kien jahdem bhala *sales and marketing director* fil-kumpanija Caruana Curran Group. Ix-xhud stqarret illi dan kellu ideat innovattivi u kellu gharfien tajjeb fil-qasam lokali tar-reklamar u kellu wkoll hafna kuntatti. Ftit wara meta hija waqqfet il-kumpanija Market Handle Limited, Donald inghata l-kariga ta’ *Chief Executive Officer* f’din il-kumpanija.

Ix-xhud stqarret illi meta rat il-potenzjal li ghandha kumpanija tar-reklamar f'Malta flimkien ma' *entrepreneurs' skills* u l-kuntatti li ghamlet, hija hasset li Malta kienet promettenti ghall-kummerc relatat mal-marketing. Filfatt qalet li din l-opportunita' mhix ta' min tintilef ghax is-suq tar-reklamar f'Malta huwa suq miftuh u Malta qieghda tavvanza wkoll fl-IT u fl-i-gaming. Hawnhekk hija dahlet f'diskussjonijiet u bdiet tippjana biex tiftah kumpanija. Hija kkonsultat lil Donald Micallef biex tkun taf lil min riedet tkellem biex tibda dan il-progett. Donald introduciha ma' kumpanija tal-awditjar mmexxija minn Brian Tonna – Nexia BT li hija kumpanija nternazzjonali u tifforma parti minn *franchise* internazzjonali. Huwa ntroduciha wkoll ma' Dr Clint Calleja li huwa *business lawyer* ma' Demarco and Associates. Dr Calleja taha l-pariri ta' x'kellu bzonn isir biex tinfetah din il-kumpanija u x'ghandha taghmel.

Sussegwentament hija waqfet il-kumpanija taghha Market Handle Limited. Hija kienet kellmet lil Donald ghax riditu jifforma parti mit-tim taghha u huwa nghaqad mal-kumpanija bhala *freelance consultant* u kellu r-rwol ta' *Chief Executive Officer*.

Ix-xhud iddikjarat li s-socjeta' konvenuta giet inkorporata fit-3 ta' Mejju 2010 bl-obbjettivi principali taghha kienu fl-oqsma tal-konsulenza, *marketing, research* u PR. Hija qalet li Donald beda jikkuntattja professjonisti minn Malta li kellhom snin ta' esperjenza fil-qasam u talabhom biex jissiehbu mal-kumpanija.

Wara tliet xhur ta' hafna xoghol fejn saru l-*interviews* kollox beda jiehu postu. Hija kriet l-ufficju minn Joseph Falzon maghruf bhala "Il-Beraq" u jinsab fi Triq GF De Soldanis, Birkirkara. Hija kienet iltaqghet ma' Joseph Falzon minn Donald Micallef.

Dan l-ufficju kien inkera bhala *shell form* u kien hemm bzonn li jsir hafna xoghol f'dan l-ufficju.

Is-socjeta' konvenuta ufficjalment fethet il-bibien taghha fl-24 ta' Mejju 2010. Hija kienet stiednet lill-Ministru tal-Finanzi ta' dak iz-zmien u cioe' Dr Tonio Fenech ghal dan il-ftuh ufficjali u dan il-ftuh kien irrapportat fil-*media* lokali kollha.

Ix-xhud spjegat li l-ftehim ma' Joseph Falzon kien illi ma jkun hemm l-ebda kera dovuta fl-ewwel sena u hi taghmel *refurbishment* tal-post u thallas €1,500 kera fix-xahar wara l-ewwel sena. Hija ghamlet dan ir-*refurbishment* fuq l-oghla standards u l-kumpanija bdiet topera.

Ix-xhud kienet tokkupa l-kariga ta' direttur u segretarja tal-kumpanija u kienet ukoll il-*business analyst* tal-kumpanija. Hija qalet li wahda mill-ikbar sfidi kienet biex issib *web developers* ta' livell gholi u riedet ukoll nies esperti.

Hija spjegat li l-*business plan* ta' Market Handle Limited kien ibbazat li jsiru tliet websites li huma Sharehandle, Contacthandle u Mediahandle. Dawn it-tliet *portals* riedu jservu biex joholqu *sales lead* b'sahhitha sabiex Market Handle Limited tkun tista' taghmel profitt. Pero' dan l-istadju ha z-zmien biex sar realta' u ghalhekk damet biex lahqet l-objettivi fil-*business plan* taghha pero' dan kien accettabbli peress li l-kumpanija kienet ghadha fil-bidu. Dan id-dewmien wassal biex is-*suppliers* idumu biex jithallsu pero' hafna minnhom fehmu illi kienu qed jissuplixxu lil *startup company* u ghalhekk dan id-dewmien kien accettat. Is-socjeta' Market Handle Limited f'dan l-istadju kellha ammont sostanzjali ta' mpjegati apparti x-xhud u Donald Micallef.

Hija spjegat illi ghalkemm il-maggoranza tas-*suppliers* accettaw dan id-dewmien, kien hemm kumpanija partikolari u cioe' Alfa Company Limited minn fejn inxtrat parti mill-ghamara illi ma taghthomx izjed zmien biex ihallsu l-kontijiet. Filfatt ftit tax-xhur wara ghalkemm is-socjeta' Market Handle kienet diga' hallsitha tmint elef ewro (€8,000) kien hemm mandat ta' qbid. Hija kienet Franza meta sar dan il-mandat. Ghall-ewwel Alfa Company Limited ma nsistietx biex jittiehdu l-oggetti mill-ufficcju ta' Market Handle Limited. Ix-xhud giet informata li dan il-mandat ta' qbid sar minn ufficcjali tal-Qorti fejn elenkaw l-affarijiet kollha li jistghu jitnehhew mill-ufficcju, mhux biss l-ghamara mixtrija minghand Alfa Company Limited. Il-*vending machines* li fuqhom saret din il-kawza ma kinux tnizzlu fil-lista peress li m'humiex proprjeta' ta' Market Handle Limited.

Il-kumpanija xorta baqghet topera u offrew lil Alfa Company Limited biex tiehu lura l-ghamara u jissetiljaw il-claim pero' m'accettatx li jsir dan. Sussegwentament Alfa Company Limited fethet kawza l-Qorti biex tikkundanna lil Market Handle Limited biex thallas is-somma flus dovuta u fid-19 ta' Jannar bdiet tinstema' l-kawza. Pero' l-ghada Alfa Company Limited iddecidiet illi terga' tezegwixxi l-mandat ta' qbid billi tnehhew l-affarijiet kollha mill-ufficcju tal-kumpanija. Filfatt tnehhew l-ghamara kollha li Alfa Company Limited kienet issuplixxiet, *computers, servers* u *telephone systems* li kienu mimlija informazzjoni li l-impjegati kienu gabru fit-tmien xhur li l-kumpanija kienet ilha topera. Hija sostniet li din l-informazzjoni kienet krucjali ghall-kumpanija biex tkun tista' topera. Skont id-digriet tal-Qorti l-kumpanija Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited u Elaine Sant Galea kienu gew appuntati bhala kunsinnatari u l-affarijiet kellhom jinzammu gewwa "Begonia Stores", Triq il-Pitkali, Attard. L-affarijiet li tnehhew jinkludu *computers, servers*, sufanijiet, siggijiet, settijiet tat-telefon u s-sistema PABX. Pero' l-*vending machines*, l-*aquarium,* il-karti u d-dokumenti ma tnehhewx.

Ix-xhud sostniet illi Market Handle Limited tant kemm spiccat f'sitwazzjoni hazina illi kellha titlef l-impjegati kollha taghha. Hija temmen illi din ma kinitx l-intenzjoni ta' Alfa Company Limited ghax ma kinitx qed thalli lis-socjeta' konvenuta milli tkompli topera. Wara xi xahrejn anke l-post ittiehed ghax ma setghatx tithallas il-kera ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) fix-xahar. Hadd ma seta' jidhol fil-proprjeta' u Market Handle Limited ma setghatx tkompli topera. Kull talba lil Alfa Company Limited biex thalli lil Market Handle Limited tkompli topera ma ntalqatx.

Sadanittant l-avukati tax-xhud li huma Dr William Cuschieri u Dr Malcolm Cassar offrew hafna drabi biex l-ghamara mixtrija minghand Alfa tohodha lura halli jispicca d-dejn. Din l-ghamara in kwistjoni kienet ghadha gdida. Market Handle Limited fethet applikazzjoni wkoll il-Qorti sabiex titnehha parti mill-mandat ta' qbid dawk l-affarijiet li ma gewx mixtrija minghand Alfa Company. Hija tghid li flimkien ma' din l-applikazzjoni gewipprezentati dokumenti li juru li l-valur tal-affarijiet maqbuda kien jaqbez l-ammont mitlub u li dawn l-affarijiet kienu bzonnjuzi biex il-kumpanija tkun tista' tiffunzjona.

Fl-14 ta' Gunju 2011 l-kaz gie solvut fis-sens li Alfa kienet lesta li tirritorna l-affarijiet lil Market Handle Limited u zzomm l-affarijiet li hija kienet bieghet lil Market Handle Limited. Pero' Alfa Company Limited talbet ghall-hlas tal-ispejjez tal-Qorti u peress illi Market Handle Limited ma kinitx f'pozizzjoni li taghmel dawn il-pagamenti hija lahqet kompromess ma' Alfa Company Limited li thallasha permezz ta' reception desk. Hija ferhet b'din l-ahbar halli l-kumpanija terga' tibda tahdem u tkun tista' timpjega *staff* gdid.

Sfortunatament meta fis-17 ta' Gunju 2011 hija baghtet lil Donald Micallef biex jigbor l-affarijiet li kienu mizmuma gewwa "Begonia Stores", Triq il-Pitkali, Attard skond id-digriet tal-Qorti huwa cemplilha u qalilha li Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited kienet hadet dawn l-affarijiet li kienu mizmuma go container go xi ghalqa jew *dump yard* f'Hal Saptan, limiti ta' Birzebbugia u vicin tal-Ajruport ta' Hal Luqa. Hija sostniet li dan sar minghajr il-kunsens taghha u minghajr ma kienet giet infurmata. Ix-xhud talbet lil Donald biex imur ghaliha mill-ewwel u marru l-ghassa tal-pulizija ta' Birzebbugia fejn ghamlu rapport. L-Ispettur tal-Pulizija flimkien ma' pulizija ohrajn akkompanjawhom fil-post fejn kien hemm l-affarijiet taghhom, fethuh u staqsew lix-xhud u lil Donald sabiex jistabilixxu jekk insterqux xi affarijiet jew le.

Malli dahlet f'dan il-container ix-xhud indunat li kien hemm xi haga hazina u kienet saret serqa. Hija ddikjarat li l-maggoranza tal-affarijiet insterqu, inkluz il-computers kollha, *servers* u d-*data storing hardware* li fiha kien hemm hafna informazzjoni sensittiva. Pero' l-oggetti li kellhom jigu ritornati lil Alfa Company Limited kienu ghadhom hemm.

Sussegwentament saret inkjesta u l-Perit Richard Aquilina li kien gie appuntat mill-Magistrat Inkwerenti bhala espert gabar ix-xhieda tax-xhud, ta' Donald u tal-impjegati ta' Alfa Company Limited u ta' Fahrenheit.

Ix-xhud sostniet illi ghalkemm huwa minnu li s-socjeta' attrici issuplixxiet il-kafe u l-*vending machines* lill-Market Handle Limited fil-bidu tal-operat tal-kumpanija, hija qatt ma ffirmat jew awtorizzat lil Daniela Callus jew lil xi hadd iehor biex jiffirma xi ftehim ghan-nom ta' Market Handle Limited mas-socjeta' attrici. Hija

ddikjarat li l-ftehim esebit minn Vertex Vending Services Limited fl-atti qatt ma kienet ratu qabel ma gie pprezentat fil-kawza.

Ix-xhud tiftakar li meta marru l-ufficjali tal-Qorti biex jelenkaw l-affarijiet u meta dawn l-oggetti effettivament ingabru hija kienet cemplet lil Vertex Vending Services Limited u talbithom biex inehhu dawn il-magni ghax bezghat li kienu ser jitnehhew mill-ufficjali tal-Qorti. Pero' Vertex Vending Services Limited ma marritx tigborhom dawn il-magni.

Hija spjegat li ezatt wara li l-oggetti tnehhew mill-bini huma ma thallewx jidhlu fil-bini mis-sid. Dan gara fi Frar jew Marzu, 2011. B'hekk hija qed tikkonferma l-ewwel talba fis-sens li Market Handle Limited ma kinitx fil-pussess ta' dawn il-magni fix-xhur ta' qabel il-kawza giet intavolata. Hija tifhem illi dawn il-magni ghadhom hemm sal-gurnata tal-lum. Hija kkonfermat ukoll illi Market Handle Limited ma kkawzat l-ebda hsara u ma hi responsabbli ta' ebda danni b'referenza ghal dak li qed tghid Vertex Vending Services Limited. Ix-xhud ikkonfermat ukoll illi l-fatti li waslu ghal din il-kawza kienu kagun tal-azzjonijiet ta' Alfa Company Limited illi waslu lil Market Handle Limited biex titlaq mill-ufficcju taghha. Hija sostniet illi jekk Vertex Vending Services Limited soffriet minn xi danni dan huwa kagun ta' Alfa Company Limited u ghandha twiegeb ghalihom hi.

**Joseph Falzon** xehed in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta Beraq Ltd fis-27 ta' Marzu 2014 fejn iddikjara li hawnhekk huma qeghdin jitkellmu fuq magni tal-kafe. Huwa kkonferma li hu qatt ma ghamel negozju mas-socjeta' attrici. Ix-xhud qed jinsisti li jzomm dawn l-affarijiet peress li ghandu jiehu minn ghandhom. Mistoqsi kemm ilhom fil-font in kwistjoni dawn il-magni wiegeb li ma jafx bl-ezatt izda kemm ilu li kera l-font lis-socjeta' Market Handle. Din il-kirja bdiet fis-sena 2011.

Huwa ddikjara li qatt ma tkellem fuq il-magni in kwistjoni ma' Celine Bentley. Huwa kien tkellem mal-haddiema tas-socjeta' attrici fis-sens li kien qallu li kien ikun ahjar li kieku jiltaqghu lkoll u cioe' huma, ix-xhud u rapprezentant tas-socjeta' Market Handle. Filfatt huwa kien ghamel suggeriment li jithallas is-somma ta' elf ewro (€1,000) u jirrilaxxa l-vending machines. Pero' baqghu ma ltaqghux. Dan id-diskors kien sar f'xi zmien meta effettivament kienet spiccat il-kirja. Huwa stqarr illi ma inizja l-ebda proceduri fil-konfront ta' Market Handle Limited. Ix-xhud kien ghamel karta li ghandhom jaghtuh u ghalhekk huwa ma inizja l-ebda proceduri in segwitu tad-dokument CSH1.

**Celine Bentley** regghet xehdet fil-15 ta' Mejju 2014 bil-lingwa Ingliza fejn iddikjarat li kienet tokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' Market Handle Limited fil-11 ta' Mejju 2010. Hija giet murija dokument li huwa esebit fl-atti a fol 220 u 221 u spjegat li dan huwa ftehim ta' kera bejn iz-zewg socjetajiet Beraq Limited u Market Handle Limited. Hija gharfet il-firma taghha fuq dan id-dokument u kkonfermat il-kontenut tieghu.

Ix-xhud giet murija dokument iehor li jinsab esebit a fol 222. Hija kkonfermat il-kontenut ta' dan id-dokument u kkonfermat il-firma taghha. Mistoqsija jekk l-ammont ta' flus ta' hamest elef u hames mitt ewro (€5,500) li hemm imsemmija f'dan id-dokument a fol 222 thallsux lis-socjeta' Beraq Limited wiegbet li le ma thallsux u ghadhom pendenti. Hija kkonfermat li l-kawza msemmija f'dan id-dokument bejn Market Handle u Fahrenheight Forward Freight kien lest u Market Handle nghatat l-ammont ta' sittin elf ewro (€60,000) bhala *settlement* u apparti dan Beraq Limited ghadha ma thallsitx minn ghandhom.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2014 fejn l-isess partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza jirrizulta li s-socjeta' attrici tramite r-rapprezentant taghha Mark Azzopardi kienet ghamlet *vending machine service agreement* ma' Daniela Callus ghan-nom tas-socjeta' konvenuta Market Handle Ltd fejn is-socjeta' attrici obbligat ruhha li tinstalla a spejjez taghha Colibri Hot Drinks Dispenser u dan skond il-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ftehim esebit fl-atti a fol. 35 tal-process immarkat bhala Dok A. Fost il-kundizzjonijiet hemm imsemmija jidher li s-socjeta' konvenuta Market Handle Ltd kienet accettat il-kundizzjoni li d-Dispenser in kwistjoni tibqa' proprjeta' esklussiva tas-socjeta' attrici u li l-kuntratt kellu validita' ta' sena sakemm ma jigix imgedded awtomatikament una volta l-partijiet ma jaghtux xi avviz iehor.

Jidher skond ma ntqal minn Celine Bentley, Direttur u firmatarja tas-socjeta' Market Handle Limited illi l-persuna li ffirmat il-ftehim u cioe' Daniela Callus kienet impjegata mas-socjeta' konvenuta Market Handle Limited pero' ma kellhiex awtorizzazzjoni tiffirma ghan-nom tas-socjeta'. Dwar dan pero' s-socjeta' konvenuta Market Handle Limited ma ressqet l-ebda prova sabiex tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hija hadet xi passi fil-konfront ta' din Daniela Callus ghal dan l-agir u fil-fatt lanqas biss harrkitha bhala xhud f'din il-kawza sabiex telabora ftit fuq il-ftehim mertu tal-kawza.

Jidher u mhux kontestat li s-socjeta' Market Handle Limited kienet qed topera n-negozju taghha minn fond propjeta' tas-socjeta' konvenuta l-ohra Beraq Limited fejn effettivament kienet giet  installata d-dispenser. Maz-zmien jidher ukoll illi s-socjeta' Market Handle Limited kellha xi diffikultajiet finanzjarji u ma baqghetx thallas il-pagamenti dovuti minnha sahansitra lanqas il-kera tal-fond lilha mikri. Gara li spiccat li wiehed mill-kredituri tas-socjeta' Market Handle Limited kien ipprezenta xi mandat ta' qbid fil-konfront taghha fil-fond proprjeta' tas-socjeta' Beraq Ltd u s-socjeta' Market Handle Limited waqfet l-operat taghha u ma halsithiex id-debiti taghha fosthom il-kera dovuta lis-socjeta' Beraq Limited. Illi gara li in segwitu s-socjeta' attici marret sabiex tigbor il-proprjeta' taghha u cioe' d-dispenser pero' sabet il-fond maghluq u meta ghamlet komunika mas-socjeta' Beraq Limited sabiex tigbor din il-magna s-socjeta' Beraq Limited ma taghtix access u dan ghaliex ippretendiet li hija ghandha dritt fuq din il-magna ghaliex fil-fehma taghha kellha privilegg fuq il-magna stante li hija kreditrici tas-socjeta' Market Handle Limited u ghalhekk ghandha dritt izzomm il-magna bhala part payment ta' dak dovut lilha in linea mal-principju '*super invectis et illatis'*.

Illi dwar il-jedd ta' kreditur li jzomm il-haga tad-debitur fil-pussess tieghu, jinghad li l-ligi taghna taghti gharfien limitat f'dan ir-rigward. (**Art 1997(1) tal-Kap 16**) Madanakollu torbot il-jedd taz-zamma tal-haga mal-ezistenza tal-jedd moghti mil-ligi. Ghalhekk mhux kull min jahseb li ghandu jedd jista' jeccepixxi l-*ius retentionis*; tali jedd irid ikun moghti lilu espressament mil-ligi. Il-*ius retentionis* huwa meqjus bhala li jidderoga mill-principju li l-ordinament guridiku ma jippermettix li persuna tiehu l-gustizzja b'idejha.

F'dan il-kaz il-privilegg ta' *super invectis et illatis* ma japplikax billi l-privilegg japplika biss fuq dawk l-effetti mobbli li jkunu fil-fond lokati permanentement biex

jarredawh (ara PA JSP 5/10/95 **Sharp vs Camilleri**), waqt li fil-kaz in ezami d-dispenser zgur li ma kienux qed jaghmlu xi arredament fl-ufficcju izda kienu hemm sabiex l-impjegati tal-ufficcini tas-socjeta' Market Handle jkollhom 'hot drinks' waqt il-hinijiet tax-xoghol taghhom. Tant ma kienux arredamenti li Celine Bentley tghid li lanqas kienet taf bil-ftehim taghhom.

Illi pero' dan id-dritt tal-*ius retentionis* gie accettat fil-kazijiet li jhaddnu l-istess kundizzjonijiet essenzjali bhal dawk espressament imsemmija mil-ligi u fejn ikun hemm rabta bejn il-haga mizmuma u l-kreditu tal-persuna li tippretendi li tista' tibqa' zzomm dik il-haga (ara App Civ 26/3/1968 **Frank Gulia et vs Joseph Agius et**).

Fil-ligi taghna minkejja li d-dritt ta' ritenzjoni mhux minnu nnifsu jedd ta' priviliegg jew kawza ta' preferenza, l-istess kawzi ta' preferenza ma jnaqqsu xejn mis-sahha ta' tali jedd fejn japplika (ara PA JRM **DBC Ltd vs J.Attard** 9/12/03). Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz ma hemm l-ebda rabta bejn il-haga mizmuma d-dispensers u l-kreditu tas-socjeta' konvenuta Market Handle Limited (u cioe' l-hlas ta' kera) li tippretendi li tista' tibqa' zzomm dik il-haga, ghalhekk taht dana l-aspett is-socjeta' Beraq Limited ma kellha l-ebda dritt izzomm id-dispenser proprjeta' ta' terz u cioe' tas-socjeta' attrici qabel ma tithallas tal-kera tal-fond gewwa B'Kara una volta mikri lis-socjeta' Market Handle Limited.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza citata mis-socjeta' attrici stess fit-trattazzjoni taghha u cioe' s-sentenza moghtija fil-5 ta' April 1965 fl-ismijiet '**Commander Edward Hamilton Hill vs Neguzjant Joseph E Coleiro'** deciza mill-Qorti tal-Appell fejn inghad li:

*" ..Ma jistax ikun hemm dubju li l-privilegg tal-lokatur 'super invictis illatis' jikkompeti fuq hwejjeg li jkunu jservu biex jghammru jew ifornu l-fond huma ta' min huma dawk il-hwejjeg...... Gie deciz f'dan il-kaz li dan il-privilegg m'ghandux jikkolpixxi oggetti appartenenti lil terzi persuni li kunu jinsabu fil-post provizorjament*."

Ghalhekk fir-rigward tal-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Beraq Limited li hija ghandha dritt izzomm il-*vending machines* a bazi tal-principju *Super invectis et illatis* din ma tissustix.

Dwar l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Market Handle Limited u cioe' li hija m'ghandhiex tigi kkundannata tirritorna dawk il-vending machines ghaliex ma jinsabux fil-pussess taghha jinghad is-segwenti. Illi huwa minnu li l-affarijiet li kienu jinsabu fil-fond mikri lis-socjeta' Market Handle Limited mis-socjeta' Beraq Limited illum jinsabu kolpiti permezz ta' Mandat ta' Qbid numru 1674/10 fl-ismijiet 'Alfa Company Limtied vs Market Handle Limited' u mizmuma ghand il-kunsinnatarju Kevin Schembri skond digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datat 4 ta' Dicembru 2010 (fol. 124) pero' fost l-affarijiet imsemmija f'dan id-digriet m'hemmx indikat il-*vending machines* mertu tal-kawza (fol. 130). Huwa evidenti li dawn il-*vending machines* baqghu taht il-kustodja tas-socjeta' konvenuta l-ohra Beraq Limited u dan ghaliex l-istess socjeta' Beraq Limited qed tippretendi li ghandha xi dritt fuqhom.

Jidher li s-socjeta' konvenuta Market Handle Limited qatt ma oggezzjonat sabiex dawn il-vending machines jigu ritornati lis-socjeta' attrici u dan hu evidenti mix-

xhieda li ta Mark Azzopardi ghan-nom tas-socjeta' attrici kif ukoll mix-xhieda ta' Celine Bentley li xehdet ghan-nom tas-socjeta' konvenuta Market Handle Limited. Illi ghalhekk dawn il-*vending machines* qatt ma gew ritornati lis-socjeta' attrici unikament minhabba l-inadempjenza tas-socjeta' konvenuta Beraq Limited biss. Illi anke fir-rigward tal-ecezzjoni l-ohra taghha u cioe' li hija ma kkagunat l-ebda danni lis-socjeta' attrici, il-Qorti rat li verament is-socjeta' Market Handle Limited xtaqet tikkoopera mat-talba attrici izda ma setghetx minhabba r-reluttanza tas-socjeta' konvenuta Beraq Limited.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax tordna lis-socjeta' Market Handle Limited tirritorna l-ebda *vending machines* stante li dawn ma jinsabux fil-pussess taghha u lanqas ma tista' tikkundannaha thallas il-valur taghhom u dan ghaliex tali magni ghadhom fil-pussess tas-socjeta' konvenuta Beraq Limited.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Beraq Limited, qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Market Handle Limited u b'hekk qieghda tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament fil-konfront tas-socjeta' Beraq Limited u tordna lis-socjeta' Beraq Limited sabiex fi zmien gimgha mil-lum tirritorna lura, a spejjez taghha, l-vending machines proprjeta' tas-socjeta' attrici lill-istess socjeta' attrici u fin-nuqqas li taghmel dan fiz-zmien lilha moghti, tikkundannha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u mitt ewro (€2,500) stante li llum il-*vending machines* m'ghadhomx godda u ghalhekk ghandhom id-*depreciation* taghhom.**

**L-ispejjez fir-rigward tas-socjeta' Market Handle Limited ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' Beraq Limited.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------